V

(Avviżi)

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10233 — Clearlake/TA Associates/Charlesbank/Ivanti)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 149/04)

1. Fl-14 ta' April 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Clearlake Capital Group L.P. ("Clearlake", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— TA Associates Management, L.P. ("TA Associates", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— CharlesbankCapital Partners, LLP ("Charlesbank", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— Ivanti Software, Inc. ("Ivanti", l-Istati Uniti tal-Amerka) bħalissa kkontrollata minn Clearlake u TA Associates.

Clearlake, TA Associates u Charlesbank jakkwistaw, fis-sens tal-Artikoli 3(1)(b) u 3(4) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll bi sħab ta' Ivanti. Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Clearlake: ditta ta' investiment privat b'kumpaniji ta' portafoll attivi fis-servizzi tas-software u t-teknoloġija, l-enerġija u l-industrija, u l-konsumatur;

— TA Associates: ditta ta' ekwità privata b'kumpaniji ta' portafoll attivi f'industriji magħżula, inklużi s-servizzi tan-negozju, il-konsumaturi, is-servizzi finanzjarji, il-kura tas-saħħa u t-teknoloġiji;

— Charlesbank: ditta ta' ekwità privata b'kumpaniji ta' portafoll attivi fis-servizzi tan-negozju, il-konsumaturi, il-kura tas-saħħa, l-industrijali u t-teknoloġija u l-infrastruttura tat-teknoloġija;

— Ivanti: Ivanti toffri pjattaforma ta' software għad-dipartimenti interni tal-IT tal-kumpaniji, li tipprovdi software u soluzzjonijiet għall-ġestjoni tal-utenti u l-mobbiltà industrijali. L-offerta ta' Ivanti tippermetti li dipartiment intern tal-IT ta' organizzazzjoni jittraċċa u jirreġistra kwistjonijiet tal-IT, u jsegwi t-tlestija/ir-riżoluzzjoni tal-kwistjonijiet.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura ssimplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([2]) jinħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10233 — Clearlake/TA Associates/Charlesbank/Ivanti

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

([2]) ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.